Nru./No. 21,050
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023
Monday, 8th May, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Pulizija 5109
Police Notices *5109*

Avviżi tal-Gvern 5109
Notices *5109*

Avviżi tal-Qorti ..... 5110 - 5112
Court Notices ..... *5110 - 5112*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 84

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Ġunju, 2023, mill-5.30 p.m. sas-6.30 p.m., madwar il-Knisja ta' San Girgor, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika u madwar il-knisja parrokkjali.

Għeluq ta' triq biss sakemm tgħaddi l-purċissjoni u trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Mejju, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Ix-Xagħra huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

ZAMMIT VICTOR

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz ta' Dott. Christian Joseph Zammit għal-Lokalità ta' Ix-Xagħra, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2023 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-8 ta' Mejju, 2023

POLICE NOTICE

No. 84

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żejtun

On Tuesday, 13th June, 2023, from 5.30 p.m. till 6.30 p.m. through around San Girgor Church, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika and around parish church.

Closure of street only till the passing of the procession and public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th May, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Ix-Xagħra is the following that is:

Nominated Candidate

ZAMMIT VICTOR

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Dott. Christian Joseph Zammit for the Locality of Ix-Xagħra, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), on Tuesday, 9th May, 2023 from 9.00 a.m. at the Counting Hall Complex, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

8th May, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

987

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-14 ta' Diċembru, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-artiklu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2022, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 424/2022 fl-ismijiet Thaddeus sive Teddy Refalo et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2022, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huma:

Biċċa raba' msejħa Ta' Ġnien Qassis, limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħames mija u wieħed u erbgħin metru kwadru (541m.k.), konfinanti mil-Lvant ma' beni ta' Wistin Theuma, mil-Lbiċ ma' beni ta' Eucharist Refalo, mit-Tramuntana ma' beni ta' Emanuel Grima, mhix tajba għall-bini;

Biċċa raba oħra msejħa Ta' Ġnien Qassis, limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka seba' mija u erbgħa u

By a decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 14th December, 2022, the publication of the extract that appears below was ordered for the purposes of notification according to the article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, Cap. 12 of the Laws of Malta.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on 14th December, 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below for every intent and purpose of the law and to serve as notification according to article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 14th December, 2022, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable below described in the schedule of deposit and concurrent deposit bearing number 424/2022 in the names Thaddeus sive Teddy Refalo et vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent and sub ground rent of the immovable described below, which schedule of deposit was filed on the 5th December, 2022, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable property object of this schedule of deposit are:

A plot of land called Ta' Ġnien Qassis, in the limits of Xagħra, Gozo, measuring approximately five hundred and forty-one square meters (541m2), bordering on the east by property of Augustin Theuma, on the southwest by property of Eucharist Refalo, on the north by property of Emanuel Grima, which land is outside the development zone;

Another plot of land called Ta' Ġnien Qassis, in the limits of Xagħra, Gozo, measuring circa seven hundred and

ħamsin metru kwadru (754m.k.), konfinanti mit-Tramuntana ma' beni ta' George Camilleri, min-Nnofsinhar ma' beni ta' Emanuel Grima u mil-Lbiċ ma' beni tal-familja Refalo, mhix tajba għall-bini;

Biċċa raba' oħra msejħa Ta' Ġnien Qassis limiti tax-Xagħra, Għawdex, mhix fabbrikabbli, tal-kejl ta' ċirka elf u erbgħa u tmenin metru kwadru (1084 m.k.), konfinanti mit-Tramuntana ma' beni ta' Paul Sultana, min-Nofsinhar ma' beni ta' Emanuel Theuma jew tal-eredi jew l-aventi causa tiegħu, u mil-Lvant ma' beni tal-familja Refalo.

Suġġetti għal rata' ta' ċens u subċens annwu u perpetwu ta' tmienja u ħamsin ewro ċenteżmi (€0.58c), liberi u franki minn piżijiet oħra, liema porzjonijiet jidhru delinjati bl-aħmar fuq il-pjanta annessa maċ-ċedola u immarkata bħala Dokument ittra 'A'.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u jifdu dan iċ-ċens skont il-liġi;

Illi l-ammont ta' tmienja u ħamsin ewro ċenteżmi (€0.58) kapitalizzati bil-ħamsa fil-mija (5%) jammontaw għal ħdax-il ewro u sittin ċenteżmu tal-ewro (€11.60);

Illi inoltre, l-esponenti qegħdin jirregolaw ruħhom mal-istess liġi u permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu, huma qegħdin jiddepożitaw a favur tal-intimati l-pagament ta' ħames snin arretrati tal-istess ċens u subċens fl-ammont ta' żewġ ewro u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€2.90).

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti, u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' erbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€14.50) bħala prezz tal-fidi u l-ħlas għas-saldu taċ-ċens u subċens fuq imsemmi u dan ai termini tal-istess artikolu tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat biex din is-somma tingħata liberament lill-intimati msemmija wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem

fifty-four square meters (754 m2), bordering on the north by property of George Camilleri, on the south by property of Emanuel Grima and on the southwest by property of the Refalo family, situated outside the development zone;

Another plot of land called Ta' Ġnien Qassis, limits of Xagħra, Gozo, lying outside the development zone, measuring circa one thousand and eighty-four square meters (1084m2), bordering on the north by property of Paul Sultana, on the south by property of Emanuel Theuma or of his heirs or successors in title, and on the east by property of the Refalo family.

subject to an annual and perpetual ground rent and sub ground rent of fifty-eight euro cents (€0.58c), free and unencumbered, which portions of land appear delineated in red on the plan attached to the schedule of deposit and marked as Document 'A'.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty granted to them by article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta, and redeem this ground rent in accordance with the law;

That the amount of fifty-eight euro cents (€0.58) capitalized at five percent (5%) amounts to eleven euro and sixty euro cents (€11.60);

That in addition, applicants are bringing themselves in line with the said law and by means of the present schedule of deposit, they are depositing in favour of the respondents the payment of five years' arrears of the same ground rent and sub ground rent in the amount of two euros and ninety euro cents (€2.90).

Accordingly, applicants are having recourse to this Honourable Court, and under its authority they deposit the total sum of fourteen euros and fifty cents of the euro (€14.50) as redemption price and payment for the ground rent and sub ground rent mentioned above and this in terms of the abovesaid article of the Civil Code so that this sum may be freely released in favour of the mentioned respondents after they tender due receipt according to law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo), are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be accepted as a curator to appear within

f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 4 ta' Mejju, 2023
Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that he accepts this.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the stipulated timeframe, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Magistrates' Court (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit, Magistrate of the aforementioned Court.

This 4th May, 2023
Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

988

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Olga Gatt (KI 0036209L) ippreżentat rikors (numru. 1089/2022JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku 2139/2002 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 4 ta' Mejju, 2023

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Olga Gatt (ID 0036209L) filed an application (number 1089/2022JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry 2139/2002 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court

Registry of the Superior Court, today 4th of May, 2023

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603